IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2021
COM(2021) 372 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku

ANNESS

KONVENZJONI DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-ĠESTJONI

TA' RIŻORSI TAS-SAJD F'IBĦRA MIFTUĦA

FIT-TRAMUNTANA TAL-OĊEAN PAĊIFIKU

Il-PARTIJIET KONTRAENTI,

Impenjati li jiżguraw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul ta' riżorsi tas-sajd fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku u li meta jagħmlu hekk ikunu qed iħarsu l-ekosistemi tal-baħar fejn jinsabu dawn ir-riżorsi;

Jfakkru fid-dritt internazzjonali rilevanti kif rifless fil-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar* tal-10 ta' Diċembru 1982, fil-*Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory)* tal-4 ta' Diċembru 1995 u fil-*Ftehim biex jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni minn bastimenti tas-sajd f'ibħra internazzjonali* tal-24 ta' Novembru 1993, u filwaqt li titqies il-*Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli* adottata mill-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura ("FAO") tan-Nazzjonijiet Uniti fit-28 sessjoni tagħha fil-31 ta' Ottubru 1995 kif ukoll il-*Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Fond fl-Ibħra Miftuħa* adottati mill-FAO fid-29 ta' Awwissu 2008;

Jinnotaw l-appell mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-riżoluzzjonijiet tagħha 61/105 u 64/72 biex jittieħdu passi għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar vulnerabbli u speċijiet assoċjati mill-impatti negattivi sinifikanti ta' prattiki tas-sajd distruttivi u r-riżoluzzjoni tagħha 60/31 li tħeġġeġ lill-Istati, skont kif meħtieġ, biex jagħrfu li l-prinċipji ġenerali tal-*Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory)* tal-4 ta' Diċembru 1995 jenħtieġ li japplikaw ukoll għal stokkijiet distinti ta' ħut fl-ibħra internazzjonali;

Jagħrfu l-ħtieġa li tinġabar *data* xjentifika sabiex tinftiehem il-bijodiversità u l-ekoloġija tal-baħar fir-reġjun u biex jiġu vvalutati l-impatti tas-sajd fuq l-ispeċijiet tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar vulnerabbli;

Konxji mill-ħtieġa li jkunu evitati impatti negattivi fuq l-ambjent tal-baħar, tkun ippreservata l-bijodiversità, tinżamm l-integrità tal-ekosistemi tal-baħar u jitnaqqas ir-riskju ta' effetti fit-tul jew irriversibbli tal-operazzjonijiet tas-sajd;

Imħassba dwar l-impatti negattivi possibbli tal-attivitajiet tas-sajd demersali mhux irregolati fuq l-ispeċijiet tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar vulnerabbli fl-ibħra internazzjonali tat-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku;

Impenjati wkoll li jwettqu attivitajiet tas-sajd responsabbli u li jikkooperaw b'mod effettiv biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ("sajd IUU") u l-impatti negattivi li dawn għandhom fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd tad-dinja u tal-ekosistemi fejn jinsabu;

FTIEHMU kif ġej:

Artikolu 1

Użu tat-Termini

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(a) "Konvenzjoni tal-1982" tfisser il-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar* tal-10 ta' Diċembru 1982;

(b) "Ftehim tal-1995" tfisser il-*Ftehim fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna (highly migratory)* tal-4 ta' Diċembru 1995;

(c) "Sajd demersali" tfisser attivitajiet tas-sajd fejn l-irkaptu tas-sajd x'aktarx imiss qiegħ il-baħar matul il-perkors normali tal-operazzjonijiet tas-sajd;

(d) "Kunsens" tfisser in-nuqqas ta' kwalunkwe oġġezzjoni formali magħmula meta tittieħed id-deċiżjoni;

(e) "Parti Kontraenti" tfisser kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li tkun tat il-kunsens tagħha li tintrabat b'din il-Konvenzjoni u li għaliha tkun fis-seħħ din il-Konvenzjoni;

(f) "Żona tal-Konvenzjoni" tfisser iż-żona li tapplika għaliha din il-Konvenzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1;

(g) "Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO" tfisser il-*Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Fond fl-Ibħra Miftuħa* adottati mill-FAO fid-29 ta' Awwissu 2008, kif jistgħu jiġu modifikati minn żmien għal ieħor;

(h) "Riżorsi tas-sajd" tfisser kull speċi ta' ħut, molluski, krustaċji u speċijiet tal-baħar oħra li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni, bl-esklużjoni ta':

(i) speċijiet sedentarji sa fejn dawn ikunu soġġetti għad-drittijiet sovrani tal-Istati kostali b'mod konsistenti mal-Artikolu 77, il-paragrafu 4 tal-Konvenzjoni tal-1982 u speċijiet indikatriċi ta' ekosistemi tal-baħar

vulnerabbli kif elenkati fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 ta' din il-Konvenzjoni, jew adottati skontu;

(ii) speċijiet katadromi;

(iii) mammiferi tal-baħar, rettili tal-baħar u għasafar tal-baħar; u

(iv) speċijiet tal-baħar oħra li diġà huma koperti minn strumenti internazzjonali diġà eżistenti għall-ġestjoni tas-sajd fiż-żona ta' kompetenza ta' strumenti bħal dawn;

(i) "Attivitajiet tas-sajd" tfisser:

(i) it-tiftix attwali għal riżorsi tas-sajd, il-qbid, it-teħid jew il-ġbir tagħhom jew it-tentattiv ta' dan;

(ii) l-involviment fi kwalunkwe attività li tista' raġonevolment tkun mistennija li tirriżulta fil-lokalizzazzjoni, il-qbid, it-teħid jew il-ġbir ta' dawn ir-riżorsi għal kwalunkwe fini;

(iii) l-ipproċessar ta' dawn ir-riżorsi fuq il-baħar u t-trasbord ta' dawn ir-riżorsi fuq il-baħar jew fil-port; u

(iv) kwalunkwe operazzjoni fuq il-baħar b'appoġġ direct għal xi attività deskritta fis-subparagrafi (i) sa (iii) hawn fuq, jew bi tħejjija għaliha, ħlief għal kwalunkwe operazzjoni marbuta ma' emerġenzi li jinvolvu s-saħħa u s-sikurezza ta' membri tal-ekwipaġġ jew is-sikurezza ta' bastimenti tas-sajd;

(j) "Bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment użat jew maħsub biex jintuża għall-fini tal-involviment f'attivitajiet tas-sajd, inkluż bastimenti tal-ipproċessar tal-ħut, vapuri ta' appoġġ, bastimenti tal-ġarr u kwalunkwe bastiment ieħor li b'mod direct ikun involut f'attivitajiet tas-sajd bħal dawn;

(k) "Sajd IUU" tirreferi għall-attivitajiet kif stabbilit fil-paragrafu 3 tal-*Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO biex is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux iddikjarat ikun prevenut, skoraġġut u eliminat* tal-2001, u attivitajiet oħra skont kif jista' jkun deċiż mill-Kummissjoni;

(l) "Approċċ prekawzjonarju" tfisser l-approċċ prekawzjonarju kif speċifikat fl-Artikolu 6 tal-Ftehim tal-1995;

(m) "Organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika" tfisser organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li l-Istati membri tagħha jkunu għaddewlha l-kompetenza fuq materji koperti minn din il-Konvenzjoni, inkluż l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet li jorbtu lill-Istati membri tagħha fir-rigward ta' dawk il-materji; u

(n) "Trasbord" tfisser il-ħatt ta' kwalunkwe riżorsa tas-sajd jew ta' prodotti ta' riżorsi tas-sajd meħuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni minn bastiment tas-sajd għal bastiment tas-sajd ieħor fuq il-baħar jew fil-port.

Artikolu 2

Objettiv

L-objettiv ta' din il-Konvenzjoni huwa li tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni filwaqt li tipproteġi l-ekosistemi tal-baħar tat-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku fejn jinsabu dawn ir-riżorsi.

Artikolu 3
Prinċipji Ġenerali

Sabiex jingħata effett lill-objettiv ta' din il-Konvenzjoni, l-azzjonijiet li ġejjin għandhom jittieħdu individwalment jew kollettivament, kif xieraq:

(a) il-promozzjoni tal-użu ottimali tar-riżorsi tas-sajd u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tagħhom;

(b) l-adozzjoni ta' miżuri, abbażi tal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli, sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd jinżammu f'livelli fejn kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew jitreġġgħu lura għal dawn il-livelli, filwaqt li jitqiesu x-xejriet tas-sajd eżistenti, l-interdipendenza tal-istokkijiet u kwalunkwe standard minimu internazzjonali ġeneralment rakkomandat, kemm jekk subreġjonali, reġjonali jew globali;

(c) l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju u approċċ għas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema, u f'konformità mar-regoli rilevanti tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari kif rifless fil-Konvenzjoni tal-1982, il-Ftehim tal-1995 u strumenti internazzjonali rilevanti oħra;

(d) il-valutazzjoni tal-impatti tal-attivitajiet tas-sajd fuq speċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew huma assoċjati magħhom u l-adozzjoni, fejn meħtieġ, ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għal speċijiet bħal dawn bil-ħsieb li jinżammu jew jitreġġgħu lura l-popolazzjonijiet ta' speċijiet bħal dawn 'il fuq mil-livelli fejn ir-riproduzzjoni tagħhom tista' tiġi mhedda serjament;

(e) il-protezzjoni tal-bijodiversità fl-ambjent tal-baħar, inkluż bil-prevenzjoni ta' impatti negattivi sinifikanti fuq ekosistemi tal-baħar vulnerabbli, filwaqt li jitqies kwalunkwe standard jew linja gwida internazzjonali rilevanti inkluż il-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO;

(f) il-prevenzjoni jew l-eliminazzjoni tas-sajd eċċessiv u tal-kapaċità tas-sajd eċċessiva, u l-iżgurar li l-livelli ta' sforz tas-sajd jew il-livelli ta' qbid ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli u ma jaqbżux dawk proporzjonali mal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd;

(g) l-iżgurar li tinġabar u tiġi kondiviża fil-ħin u b'mod xieraq *data* kompluta u preċiża marbuta mal-attivitajiet tas-sajd, inkluż fir-rigward tal-ispeċijiet kollha, inklużi dawk fil-mira u dawk li mhumiex fiż-Żona tal-Konvenzjoni;

(h) l-iżgurar li kwalunkwe espansjoni tal-isforz tas-sajd, żvilupp ta' sajd ġdid jew esploratorju, jew tibdil fl-irkaptu li jintuża għas-sajd eżistenti, ma jsirux mingħajr valutazzjoni minn qabel tal-impatti ta' dawk l-attivitajiet tas-sajd fuq is-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi tas-sajd u determinazzjoni li dawk l-attivitajiet ma jkollhomx impatti negattivi sinifikanti fuq ekosistemi tal-baħar vulnerabbli, jew l-iżgurar li dawk l-attivitajiet jiġu mmaniġġjati b'tali mod li jiġu evitati dawk l-impatti jew ma jiġux awtorizzati jipproċedu;

(i) l-iżgurar li, f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim tal-1995, il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni stabbiliti għal stokkijiet ta' ħut tranżonali fl-ibħra internazzjonali u dawk adottati għaż-żoni taħt ġurisdizzjoni nazzjonali jkunu kompatibbli sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' dawn ir-riżorsi tas-sajd fl-intier tagħhom;

(j) l-iżgurar tal-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni u li s-sanzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-ksur jkunu adegwati, f'termini ta' severità, biex jiżguraw il-konformità b'mod effettiv, jiskoraġġixxu l-ksur kull fejn dawn iseħħu u biex iċaħħdu lill-awturi mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali tagħhom;

(k) il-minimizzazzjoni tat-tniġġis u l-iskart li joriġinaw mill-bastimenti tas-sajd, ir-rimi, il-qbid permezz ta' rkaptu mitluf jew abbandunat, u l-impatti fuq speċijiet oħra u l-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri li jinkludu, sa fejn dan ikun fattibbli, l-iżvilupp u l-użu ta' rkaptu u tekniki tas-sajd selettivi, li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u kosteffettivi; u

(l) l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni b'mod ġust, trasparenti u nondiskriminatorju, li huwa konsistenti mad-dritt internazzjonali.

Artikolu 4
Żona ta' Applikazzjoni

1. Din il-Konvenzjoni tapplika għall-ilmijiet taż-żona ta' ibħra internazzjonali tat-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku, bl-esklużjoni taż-żoni ta' ibħra internazzjonali tal-Baħar ta' Bering u żoni oħra ta' ibħra internazzjonali li huma mdawra miż-żona ekonomika esklużiva ta' Stat wieħed. Iż-żona ta' applikazzjoni hija delimitata min-naħa tan-Nofsinhar minn linja kontinwa li tibda fil-limitu fuq in-naħa tal-baħar tal-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka madwar il-Commonwealth tal-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana f'għoxrin (20) grad ta' latitudni Tramuntana, imbagħad tipproċedi fuq lejn il-Lvant u tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

- 20°00'00"N, 180°00'00"E/W;
- 10°00'00"N,180°00'00"E/W;
- 10°00'00"N,140°00'00"W;
- 20°00'00"N, 140°00'00"W; u

- Minn hemm lejn il-Lvant sal-limitu fuq in-naħa tal-baħar tal-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Messiku.

2. F'din il-Konvenzjoni, xejn lanqas fi kwalunkwe att jew attività mwettqa skont din il-Konvenzjoni, ma għandu jikkostitwixxi rikonoxximent tal-pretensjonijiet jew tal-pożizzjonijiet ta' kwalunkwe Parti Kontraenti rigward l-istatus legali u l-limitu tal-ilmijiet u taż-żoni minn kwalunkwe Parti Kontraenti bħal din.

Artikolu 5
Stabbiliment tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana ("il-Kummissjoni") hija b'dan stabbilita. Il-Kummissjoni għandha tiffunzjona f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni. Kull Parti Kontraenti għandha tkun membru tal-Kummissjoni.

2. Entità tas-sajd imsemmija fil-Konvenzjoni tista' tieħu sehem fil-ħidma tal-Kummissjoni f'konformità mal-Anness. Il-parteċipazzjoni ta' entità tas-sajd fil-ħidma tal-Kummissjoni ma għandhiex tikkostitwixxi devjazzjoni mill-applikazzjoni aċċettata tad-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tal-1982.

3. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħa regolari mill-inqas darba kull sentejn f'ħin u post li għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni u tista' torganizza laqgħat oħra bħal dawn kif jista' jkun meħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha skont din il-Konvenzjoni.

4. Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni jista' jitlob li ssir laqgħa tal-Kummissjoni, li għandha titlaqqa' bil-kunsens ta' maġġoranza tal-membri tal-Kummissjoni. Il-President għandu mbagħad isejjaħ laqgħa bħal din fi żmien xieraq, meta u fejn il-President jista' jiddetermina f'konsultazzjoni mal-membri tal-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha teleġġi President u Viċi President minn fost ir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti, li kull wieħed għandu jkun minn Parti Kontraenti differenti. Dawn għandhom jiġu eletti għal perjodu ta' sentejn u għandhom ikunu eleġibbli biex jerġgħu jiġu eletti, iżda ma għandhomx iservu fl-istess kapaċità għal aktar minn erba' snin suċċessivi. Il-President u l-Viċi President għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu eletti s-suċċessuri tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipju tal-kosteffettività fir-rigward tal-frekwenza, id-durata u l-ippjanar tal-laqgħat tal-Kummissjoni u l-korpi sussidjarji tagħha.

7. Il-Kummissjoni għandu jkollha personalità ġuridika internazzjonali u kapaċità legali bħal din kif jista' jkun meħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha u biex tikseb l-objettivi tagħha. Il-privileġġi u l-immunitajiet li għandhom igawdu l-Kummissjoni u l-uffiċjali tagħha fit-territorju ta' Parti Kontraenti għandhom jiġu determinati bi qbil bejn il-Kummissjoni u l-Parti Kontraenti kkonċernata.

8. Il-laqgħat kollha tal-Kummissjoni u l-korpi sussidjarji għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni minn osservaturi akkreditati f'konformità mar-Regoli ta'

Proċedura li l-Kummissjoni għandha tadotta. Id-dokumenti relatati għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' Regoli ta' Proċedura bħal dawn.

9. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi Segretarjat permanenti magħmul minn Segretarju Eżekuttiv u membri oħra tal-persunal bħal dan skont kif il-Kummissjoni tista' teħtieġ u/jew tidħol f'arranġamenti kuntrattwali mas-Segretarjat ta' organizzazzjoni eżistenti biex jingħataw dawn is-servizzi. Kwalunkwe Segretarju Eżekuttiv għandu jinħatar bl-approvazzjoni tal-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 6
Korpi Sussidjarji

1. Kumitat Xjentifiku u Kumitat Tekniku u ta' Konformità huma b'dan stabbiliti. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi b'kunsens kwalunkwe korp sussidjarju ieħor minn żmien għal ieħor biex jassisti biex jintlaħaq l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni.

2. Kull korp sussidjarju għandu, wara kull laqgħa, jipprovdi rapport lill-Kummissjoni dwar il-ħidma tiegħu li jinkludi, fejn xieraq, pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni.

3. Il-korpi sussidjarji jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma u jistgħu jfittxu parir estern f'konformità ma' kwalunkwe gwida pprovduta mill-Kummissjoni.

4. Il-korpi sussidjarji għandhom ikunu responsabbli quddiem il-Kummissjoni u għandhom jaħdmu skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni, diment li l-Kummissjoni ma tiddeċidix mod ieħor.

Artikolu 7
Funzjonijiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 3 u abbażi tal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli u l-parir tal-Kumitat Xjentifiku:

   (a) tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni biex tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni, inkluż il-qabda totali permissibbli jew il-livell ta' sforz tas-sajd totali permissibbli għal dawk ir-riżorsi tas-sajd, skont kif tista' tiddeċiedi l-Kummissjoni;

   (b) tiżgura li l-livelli ta' qabda totali permissibbli jew il-livell ta' sforz tas-sajd totali permissibbli ikunu f'konformità mal-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku;

   (c) tadotta, fejn meħtieġ, miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal speċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew li huma assoċjati magħhom;

(d) tadotta, fejn meħtieġ, strateġiji ta' ġestjoni għal kwalunkwe riżorsa tas-sajd u għal speċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew li huma assoċjati magħhom, kif jista' jkun meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni;

(e) tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-prevenzjoni ta' impatti negattivi sinifikanti fuq ekosistemi tal-baħar vulnerabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni, inkluż iżda mhux limitati għal:

(i) miżuri biex jitwettqu u jiġu rieżaminati valutazzjonijiet tal-impatt biex jiġi determinat jekk l-attivitajiet tas-sajd jipproduċux impatti bħal dawn fuq ekosistemi bħal dawn f'żona speċifika;

(ii) miżuri biex jiġu indirizzati każijiet fejn waqt attivitajiet normali ta' sajd demersali wieħed jiltaqa' b'mod mhux mistenni ma' ekosistemi tal-baħar vulnerabbli; u

(iii) fejn xieraq, miżuri li jispeċifikaw postijiet fejn ma għandhomx isiru attivitajiet tas-sajd;

(f) tiddetermina n-natura u l-livell tal-parteċipazzjoni f'sajd eżistenti, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd;

(g) tistabbilixxi b'kunsens it-termini u l-kondizzjonijiet għal kwalunkwe sajd ġdid fiż-Żona tal-Konvenzjoni u n-natura u l-livell tal-parteċipazzjoni f'sajd bħal dan, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd; u

(h) taqbel dwar mezzi kif l-interessi tas-sajd ta' Partijiet Kontraenti ġodda jistgħu jiġu akkomodati b'mod konsistenti mal-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi tas-sajd koperti minn din il-Konvenzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri biex tiżgura l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza effettivi, kif ukoll il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u l-miżuri adottati skont din il-Konvenzjoni u l-infurzar tagħhom. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi proċeduri għar-regolamentazzjoni u l-monitoraġġ tat-trasbord tar-riżorsi tas-sajd u l-prodotti tar-riżorsi tas-sajd meħuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni, inkluż in-notifika lill-Kummissjoni tal-post u l-kwantità ta' kwalunkwe trasbord;

(b) tiżviluppa u timplimenta Programm tal-Osservaturi tas-Sajd fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku ("Programm tal-Osservaturi"), filwaqt li jitqiesu l-istandards u l-linji gwida internazzjonali rilevanti;

(c) tistabbilixxi proċeduri għat-tlugħ abbord u l-ispezzjoni ta' bastimenti tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni;

(d) tistabbilixxi mekkaniżmi kooperattivi xierqa għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għas-sorveljanza effettivi biex jiġi żgurat l-infurzar tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni inkluż mekkaniżmi biex is-sajd IUU jkun prevenut, skoraġġut u eliminat;

(e) tiżviluppa standards, speċifikazzjonijiet u proċeduri biex il-membri tal-Kummissjoni jirrappurtaw ċaqliq u attivitajiet permezz ta' trażmettituri satellitari li jiddeterminaw il-pożizzjoni fil-ħin reali għal bastimenti involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni u, f'konformità ma' dawk il-proċeduri, tikkoordina d-disseminazzjoni f'waqtha tad-*data* miġbura mis-sistemi tal-membri ta' monitoraġġ tal-bastimenti bis-satellita;

(f) tistabbilixxi proċeduri li permezz tagħhom id-dħul fiż-Żona tal-Konvenzjoni u l-ħruġ minnha ta' bastimenti tas-sajd li jaqbdu jew li jippjanaw li jaqbdu riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni jiġu notifikati lill-Kummissjoni fi żmien xieraq;

(g) tistabbilixxi, fejn xieraq, miżuri mhux diskriminatorji relatati mas-suq li jkunu konsistenti mad-dritt internazzjonali biex is-sajd IUU jkun prevenut, skoraġġut u eliminat; u

(h) tistabbilixxi proċeduri għar-rieżami tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u l-miżuri adottati skont din il-Konvenzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tadotta u/jew temenda, kif meħtieġ, b'kunsens, ir-regoli għat-tmexxija tal-laqgħat tagħha u għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha, inkluż ir-Regoli ta' Proċedura, ir-Regolamenti Finanzjarji u regolamenti oħra;

(b) tadotta pjan ta' ħidma u termini ta' referenza għall-Kumitat Xjentifiku, għall-Kumitat Tekniku u ta' Konformità u, kif meħtieġ, għal korpi sussidjarji oħra;

(c) tirreferi lill-Kumitat Xjentifiku kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-bażi xjentifika għad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni jista' jkollha tieħu rigward il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd u speċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew li huma assoċjati magħhom u rigward il-valutazzjoni u l-indirizzar tal-impatti ta' attivitajiet tas-sajd fuq ekosistemi tal-baħar vulnerabbli;

(d) tistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għal kwalunkwe attività tas-sajd sperimentali, xjentifika u esploratorja fiż-Żona tal-Konvenzjoni u tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe riċerka xjentifika kooperattiva fuq riżorsi tas-sajd, ekosistemi tal-baħar vulnerabbli u speċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew li huma assoċjati magħhom;

(e) tadotta u temenda minn żmien għal ieħor lista ta' speċijiet indikaturi għal ekosistemi tal-baħar vulnerabbli li għalihom s-sajd dirett għandu jiġi pprojbit;

(f) tidderieġi r-relazzjonijiet esterni tal-Kummissjoni; u

(g) twettaq funzjonijiet u attivitajiet oħra bħal dawn kif jista' jkun meħtieġ biex jiġi promoss l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 8

Teħid ta' Deċiżjonijiet

1. Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens.

2. Ħlief fejn din il-Konvenzjoni tipprovdi espressament li deċiżjoni għandha tittieħed b'kunsens, jekk il-President iqis li l-isforzi kollha biex jintlaħaq kunsens ikunu ġew eżawriti:

   (a) id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' proċedura għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-membri tal-Kummissjoni li jivvotaw b'mod affermattiv jew negattiv; u

   (b) id-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tal-Kummissjoni li jivvotaw b'mod affermattiv jew negattiv.

3. Meta tqum il-kwistjoni jekk kwistjoni tkunx waħda ta' sustanza jew le, dik il-kwistjoni għandha tkun ittrattata bħala waħda ta' sustanza.

4. Ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni sakemm ma jintlaħaqx kworum ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kummissjoni preżenti meta għandha tittieħed id-deċiżjoni.

Artikolu 9

Implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni

1. Id-deċiżjonijiet vinkolanti tal-Kummissjoni għandhom isiru effettivi kif ġej:

   (a) il-President tal-Kummissjoni għandu jinnotifika minnufih bil-miktub lill-membri kollha tal-Kummissjoni b'deċiżjoni bħal din wara l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni;

   (b) id-deċiżjoni għandha ssir vinkolanti għall-membri kollha tal-Kummissjoni disgħin (90) jum wara d-data ta' trażmissjoni speċifikata fin-notifika tal-President tal-adozzjoni tad-deċiżjoni mill-Kummissjoni, skont is-subparagrafu (a) hawn fuq, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fid-deċiżjoni;

   (c) membru tal-Kummissjoni jista' joġġezzjona għal deċiżjoni unikament għar-raġuni li d-deċiżjoni tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, mal-Konvenzjoni tal-1982 jew mal-Ftehim tal-1995, jew li d-deċiżjoni tiddiskrimina b'mod inġustifikabbli fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru li qed joġġezzjona;

   (d) jekk membru tal-Kummissjoni jippreżenta oġġezzjoni, huwa għandu jinnotifika b'dan lill-President tal-Kummissjoni bil-miktub mill-inqas ġimagħtejn qabel id-data meta d-deċiżjoni ssir vinkolanti f'konformità mas-subparagrafu (b) hawn fuq; f'dan il-każ, id-deċiżjoni ma għandhiex tkun

vinkolanti għal dak il-membru, sa fejn speċifikat; madankollu, id-deċiżjoni għandha tibqa' vinkolanti għall-membri l-oħra kollha sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix mod ieħor;

(e) kwalunkwe membru tal-Kummissjoni li jagħmel notifika skont is-subparagrafu (d) hawn fuq għandu jispeċifika jekk id-deċiżjoni hijiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, mal-Konvenzjoni tal-1982 jew mal-Ftehim tal-1995, jew jekk tiddiskriminax b'mod inġustifikabbli fil-forma jew fil-fatt kontra dak il-membru u, fl-istess ħin, għandu jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet għall-pożizzjoni tiegħu. Il-membru jeħtieġlu wkoll jadotta u jimplimenta miżuri alternattivi li l-effetti tagħhom ikunu ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha jkun oġġezzjona u li jkollhom l-istess data ta' applikazzjoni;

(f) il-President għandu jiċċirkola minnufih lill-membri kollha tal-Kummissjoni, id-dettalji ta' kwalunkwe notifika u spjegazzjoni rċevuti f'konformità mas-subparagrafi (d) u (e) hawn fuq;

(g) fil-każ li kwalunkwe membru tal-Kummissjoni jinvoka l-proċedura stipulata fis-subparagrafi (d) u (e) hawn fuq, għandha ssir laqgħa tal-Kummissjoni fuq talba ta' kwalunkwe membru ieħor biex tiġi rieżaminata d-deċiżjoni li għaliha tkun ġiet ippreżentata l-oġġezzjoni. Il-Kummissjoni għandha, bi spejjeż tagħha, tistieden għal dik il-laqgħa żewġ esperti jew aktar li huma ċittadini ta' Stati li mhumiex membri tal-Kummissjoni u li għandhom għarfien biżżejjed tad-dritt internazzjonali marbut mas-sajd u tal-funzjonament tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd biex jipprovdu parir lill-Kummissjoni dwar is-suġġett inkwistjoni. L-għażla u l-attivitajiet ta' dawn l-esperti għandha tkun f'konformità mal-proċeduri li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni;

(h) il-laqgħa tal-Kummissjoni għandha tqis jekk ir-raġunijiet speċifikati għall-oġġezzjoni ppreżentata mill-membru tal-Kummissjoni humiex ġustifikati u jekk il-miżuri alternattivi adottati għandhomx effett ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha ġiet ippreżentata l-oġġezzjoni;

(i) jekk il-Kummissjoni ssib li d-deċiżjoni li għaliha tkun ġiet ippreżentata oġġezzjoni ma tiddiskriminax fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru tal-Kummissjoni li qed joġġezzjona u ma tkunx inkonsistenti ma' din il-Konvenzjoni, mal-Konvenzjoni tal-1982 jew mal-Ftehim tal-1995, iżda li l-miżuri alternattivi jkollhom effett ekwivalenti għad-deċiżjoni mill-Kummissjoni u jenħtieġ li jiġu aċċettati kif ikunu mill-Kummissjoni, il-miżuri alternattivi għandhom ikunu vinkolanti għall-membru li qed joġġezzjona b'sostituzzjoni għad-deċiżjoni li għaliha tkun ġiet ippreżentata l-oġġezzjoni; u

(j) jekk il-Kummissjoni ssib li d-deċiżjoni li għaliha tkun ġiet ippreżentata l-oġġezzjoni ma tiddiskriminax fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru li qed joġġezzjona u ma tkunx inkonsistenti ma' din il-Konvenzjoni, mal-Konvenzjoni tal-1982 jew mal-Ftehim tal-1995, iżda li l-miżuri alternattivi

ma jkollhomx effett ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha tkun saret l-oġġezzjoni, il-membru li qed joġġezzjona jista':

(i) jippreżenta miżuri alternattivi differenti għall-kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni;

(ii) fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum jimplimenta d-deċiżjoni oriġinali li għaliha jkun ippreżenta oġġezzjoni; jew

(iii) jiftaħ proċedimenti għas-soluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 19 jew il-paragrafu 4 tal-Anness.

2. Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni li jinvoka d-dritt ta' oġġezzjoni stabbilit fil-paragrafu 1 jista' fi kwalunkwe mument jirtira n-notifika tiegħu tal-oġġezzjoni u jintrabat bid-deċiżjoni minnufih jekk din tkun diġà effettiva jew fil-mument meta tista' ssir effettiva taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 10
Kumitat Xjentifiku

1. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jipprovdi parir xjentifiku u rakkomandazzjonijiet f'konformità mat-termini ta' referenza għall-Kumitat li għandhom jiġu adottati fl-ewwel laqgħa regolari tal-Kummissjoni u kif jistgħu jiġu emendati minn żmien għal ieħor.

2. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa', ħlief jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi mod ieħor, mill-inqas darba kull sentejn, u qabel il-laqgħa regolari tal-Kummissjoni.

3. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jagħmel kull sforz sabiex jadotta r-rapporti tiegħu b'kunsens. Jekk ikun falla kull sforz biex jinkiseb kunsens, ir-rapport għandu jindika l-fehmiet tal-maġġoranza u tal-minoranza u jista' jinkludi l-fehmiet differenti tar-rappreżentanti tal-membri dwar ir-rapport kollu jew dwar kwalunkwe parti minnu.

4. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu li:

(a) jirrakkomanda lill-Kummissjoni pjan ta' riċerka, inkluż kwistjonijiet u punti speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati mill-esperti xjentifiċi jew minn organizzazzjonijiet jew individwi oħrajn, fejn xieraq, u jidentifika l-ħtiġijiet ta' *data* u jikkoordina attivitajiet li jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet;

(b) jippjana, imexxi u jirrieżamina regolarment il-valutazzjonijiet xjentifiċi tal-istatus tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni, jidentifika azzjonijiet meħtieġa għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tagħhom, u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni;

(c) jiġbor, janalizza u jxerred l-informazzjoni rilevanti;

(d) jivvaluta l-impatti tal-attivitajiet tas-sajd fuq ir-riżorsi tas-sajd u fuq l-ispeċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew li huma assoċjati magħhom;

(e) jiżviluppa proċess biex jiġu identifikati ekosistemi tal-baħar vulnerabbli, inkluż kriterji rilevanti biex isir dan, u jidentifika, abbażi tal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli, żoni jew karatteristiċi fejn huwa magħruf li jinsabu, jew x'aktarx jinsabu dawn l-ekosistemi, u l-post tas-sajd demersali b'rabta ma' dawn iż-żoni jew il-karatteristiċi, filwaqt li jieħu kont dovut tal-ħtieġa li tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali;

(f) jidentifika u jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar speċijiet indikaturi addizzjonali għal ekosistemi tal-baħar vulnerabbli li għalihom għandu jiġi pprojbit is-sajd dirett;

(g) jistabbilixxi standards u kriterji b'bażi xjentifika biex jiġi ddeterminat jekk l-attivitajiet tas-sajd demersali x'aktarx jipproduċu impatti negattivi sinifikanti fuq ekosistemi tal-baħar vulnerabbli jew speċijiet tal-baħar f'żona speċifika abbażi ta' standards internazzjonali bħal-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO u jagħti rakkomandazzjonijiet għal miżuri biex jiġu evitati impatti bħal dawn;

(h) jirrieżamina kwalunkwe valutazzjoni, determinazzjoni u miżura ta' ġestjoni u jagħti kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa sabiex jinkiseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni;

(i) jiżviluppa regoli u standards, għall-adozzjoni mill-Kummissjoni, għall-ġbir, għall-verifika, għar-rappurtar u għas-sigurtà ta' *data* dwar ir-riżorsi tas-sajd, l-ispeċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew li huma assoċjati magħhom u l-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni, kif ukoll għall-iskambju ta' tali *data*, l-aċċess għaliha u d-disseminazzjoni tagħha;

(j) sa fejn prattikabbli, jipprovdi analiżi lill-Kummissjoni ta' miżuri alternattivi ta' konservazzjoni u ġestjoni li tevalwa l-punt sa fejn kull alternattiva tkun tikseb l-objettivi ta' kwalunkwe strateġija ta' ġestjoni adottata jew meqjusa mill-Kummissjoni; u

(k) jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri xjentifiċi oħra bħal dawn skont kif jidhirlu xieraq jew skont kif ikun meħtieġ mill-Kummissjoni.

5. Il-Kumitat Xjentifiku jista' jiskambja l-informazzjoni dwar suġġetti ta' interess reċiproku ma' organizzazzjonijiet jew arranġamenti xjentifiċi rilevanti oħra f'konformità mar-regoli u mal-istandards adottati mill-Kummissjoni skont is-subparagrafu 4(i) hawn fuq u l-Artikolu 21.

6. Il-Kumitat Xjentifiku ma għandux jidduplika l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u arranġamenti xjentifiċi oħra li jkopru ż-Żona tal-Konvenzjoni.

Artikolu 11
Kumitat Tekniku u ta' Konformità

1. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Tekniku u ta' Konformità għandhom ikunu li:

(a) jimmonitorja u jirrieżamina l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni kif jista' jkun meħtieġ; u

(b) jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' miżuri kooperattivi għall-monitoraġġ, il-kontroll, is-sorveljanza u l-infurzar adottati mill-Kummissjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni kif jista' jkun meħtieġ.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi meta l-Kumitat Tekniku u ta' Konformità għandu jorganizza l-laqgħa inizjali tiegħu. Wara dan, il-Kumitat Tekniku u ta' Konformità għandu jiltaqa', ħlief jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi mod ieħor, mill-inqas darba kull sentejn, u qabel il-laqgħa regolari tal-Kummissjoni.

3. Il-Kumitat Tekniku u ta' Konformità għandu jagħmel kull sforz biex jadotta r-rapporti tiegħu b'kunsens. Jekk ikun falla kull sforz biex jinkiseb kunsens, ir-rapport għandu jindika l-fehmiet tal-maġġoranza u tal-minoranza u jista' jinkludi l-fehmiet differenti tar-rappreżentanti tal-membri dwar ir-rapport kollu jew dwar kwalunkwe parti minnu.

4. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat Tekniku u ta' Konformità għandu:

(a) jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni rigward il-mezzi li bihom il-membri tal-Kummissjoni qed jimplimentaw l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni u miżuri komplementari f'ilmijiet li jmissu maż-Żona tal-Konvenzjoni, fejn xieraq;

(b) jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni rigward l-infurzar, inkluż sforzi, strateġiji u pjanijiet ta' infurzar;

(c) jirċievi rapporti minn kull membru tal-Kummissjoni dwar il-miżuri li l-membru jkun ħa biex jimmonitorja, jinvestiga u jippenalizza ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u l-miżuri adottati skont din il-Konvenzjoni;

(d) jirrapporta lill-Kummissjoni bis-sejbiet jew bil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-livell ta' konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni;

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-monitoraġġ, il-kontroll, is-sorveljanza u l-infurzar;

(f) jiżviluppa regoli u proċeduri li jirregolaw l-użu ta' *data* u informazzjoni oħra għal finijiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza; u

(g) iqis u/jew jinvestiga kwalunkwe kwistjoni oħra kif tista' tiġi riferita lilu mill-Kummissjoni.

5. Il-Kumitat Tekniku u ta' Konformità għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu f'konformità mal-proċeduri u l-linji gwida kif il-Kummissjoni tista' tadotta minn żmien għal ieħor.

Artikolu 12

Baġit

1. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jħallas minn butu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-attendenza f'laqgħat tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha.

2. F'kull laqgħa regolari, il-Kummissjoni għandha, b'kunsens, tadotta baġit annwali għal kull waħda mis-sentejn li jmiss. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jittrasmetti lill-membri abbozz ta' baġits għal kull waħda minn dawk is-snin flimkien ma' skeda ta' kontribuzzjonijiet sa mhux aktar tard minn sittin (60) jum qabel il-laqgħa regolari tal-Kummissjoni fejn għandhom jiġu kkunsidrati dawk il-baġits. F'każ li l-Kummissjoni ma tkunx tista' tilħaq kunsens dwar l-adozzjoni ta' baġit annwali għal kwalunkwe sena speċifika, il-baġit tal-Kummissjoni għas-sena preċedenti għandu jiġi riportat għal dik is-sena.

3. Il-baġit għandu jinqasam fost il-membri tal-Kummissjoni f'konformità ma' formula li għandha tiġi adottata, b'kunsens, mill-Kummissjoni. Membru tal-Kummissjoni li jkun sar membru matul sena finanzjarja għandu jikkontribwixxi għall-baġit ammont proporzjonali għan-numru ta' xhur sħaħ li jkun fadal fis-sena, ikkalkulat mill-jum meta sar membru.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinnotifika lil kull membru tal-Kummissjoni bl-ammont tal-kontribuzzjoni tiegħu. Il-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data ta' din in-notifika, fil-munita tal-Istat fejn ikun jinsab is-Segretarjat tal-Kummissjoni. Membru tal-Kummissjoni li ma jistax jirrispetta l-iskadenza għandu jispjega lill-Kummissjoni r-raġuni għaliex ma jkunx jista' jagħmel dan.

5. Membru tal-Kummissjoni li ma jkunx ħallas il-kontribuzzjonijiet kollha tiegħu għal sentejn konsekuttivi ma għandux ikun intitolat jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Kummissjoni, lanqas ma jkun jista' jippreżenta oġġezzjonijiet għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni, sakemm ma jkunx issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu lejn il-Kummissjoni.

6. L-affarijiet finanzjarji tal-Kummissjoni għandhom jiġu awditjati kull sena minn awdituri esterni li għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni.

Artikolu 13

Dmirijiet tal-Istat tal-Bandiera

1. Kull Parti Kontraenti għandha tieħu miżuri bħal dawn kif jista' jkun meħtieġ biex tiżgura li l-bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha:

   (a) li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u l-miżuri adottati skont din il-Konvenzjoni u li bastimenti bħal dawn ma jkunux involuti f'xi attività li tfixkel l-effettività ta' miżuri bħal dawn; u

   (b) ma jwettqux attivitajiet tas-sajd mhux awtorizzati f'żoni taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali ta' Stat ieħor li jmiss maż-Żona tal-Konvenzjoni.

2. Ebda Parti Kontraenti ma għandha tippermetti li xi bastiment tas-sajd intitolat itajjar il-bandiera tagħha jintuża għal attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni sakemm ma jkunx awtorizzat jagħmel hekk mill-awtorità jew l-awtoritajiet xierqa ta' dik il-Parti Kontraenti. Kull Parti Kontraenti għandha tawtorizza l-użu ta' bastimenti intitolati jtajru l-bandiera tagħha għal attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni biss meta tkun tista' teżerċita b'mod effettiv r-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward ta' dawk il-bastimenti skont din il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni tal-1982 u l-Ftehim tal-1995.

3. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha mwettqa bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, kif ukoll tal-miżuri adottati skont din il-Konvenzjoni u tal-awtorizzazzjoni fil-paragrafu 2, jikkostitwixxu ksur skont il-qafas legali tagħha.

4. Kull Parti Kontraenti għandha tirrikjedi li l-bastimenti tas-sajd li huma intitolati jtajru l-bandiera tagħha u li huma involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni:

   (a) jużaw trażmettituri satellitari li jiddeterminaw il-pożizzjoni fil-ħin reali meta jkunu fiż-Żona tal-Konvenzjoni, f'konformità mal-proċeduri żviluppati skont l-Artikolu 7, is-subparagrafu 2(e);

   (b) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jidħlu fiż-Żona tal-Konvenzjoni u joħorġu minnha, f'konformità mal-proċeduri żviluppati skont l-Artikolu 7, is-subparagrafu 2(f); u

   (c) jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-post fejn isir kwalunkwe trasbord ta' riżorsi tas-sajd u ta' prodotti tar-riżorsi tas-sajd meħuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni, sakemm il-Kummissjoni tadotta proċeduri għar-regolamentazzjoni u għall-monitoraġġ tat-trasbordi skont l-Artikolu 7, is-subparagrafu 2(a).

5. Kull Parti Kontraenti għandha tipprojbixxi lill-bastimenti intitolati jtajru l-bandiera tagħha milli jkunu involuti f'sajd dirett għall-ordnijiet li ġejjin: Alcyonacea, Antipatharia, Gorgonacea, u Scleractinia, kif ukoll kwalunkwe speċi indikatriċi oħra għal ekosistemi tal-baħar vulnerabbli kif jistgħu jiġu identifikati minn żmien għal ieħor mill-Kumitat Xjentifiku u adottati mill-Kummissjoni.

6. Kull Parti Kontraenti għandha tqiegħed osservaturi abbord bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni f'konformità mal-Programm tal-Osservaturi li għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-Artikolu 7, is-subparagrafu 2(b). Il-bastimenti tas-sajd involuti fis-sajd demersali fiż-Żona tal-Konvenzjoni għandu jkollhom kopertura ta' mija fil-mija (100 %) skont il-Programm tal-Osservaturi. Il-bastimenti tas-sajd involuti f'tipi ta' attivitajiet tas-sajd oħra fiż-Żona tal-Konvenzjoni għandu jkollhom livell ta' kopertura ta' osservatur, skont kif tiddeċiedi l-Kummissjoni.

7. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha jaċċettaw li jitilgħu abbord spetturi awtorizzati kif dovut f'konformità mal-proċeduri għat-tlugħ abbord u l-ispezzjoni tal-bastimenti tas-

sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7, is-subparagrafu 2(c). L-ispetturi awtorizzati kif dovut għandhom jikkonformaw ma' dawn il-proċeduri.

8. Għall-fini tal-implimentazzjoni effettiva ta' din il-Konvenzjoni, kull Parti Kontraenti għandha:

(a) iżżomm reġistru tal-bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha u awtorizzati biex jintużaw għal attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni f'konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni, mar-regoli, mal-istandards, u mal-proċeduri adottati mill-Kummissjoni;

(b) tipprovdi lill-Kummissjoni kull sena, f'konformità mal-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, informazzjoni, kif deċiż mill-Kummissjoni, fir-rigward ta' kull bastiment tas-sajd li jiddaħħal fir-reġistru li għandu jinżamm skont dan il-paragrafu u għandha tinnotifika minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika għal din l-informazzjoni; u

(c) tipprovdi lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport annwali rikjest skont l-Artikolu 16, l-ismijiet tal-bastimenti tas-sajd li ddaħħlu fir-reġistru u li wettqu attivitajiet tas-sajd matul is-sena kalendarja preċedenti.

9. Kull Parti Kontraenti għandha wkoll tinforma minnufih lill-Kummissjoni bi:

(a) kwalunkwe żieda fir-reġistru; u

(b) kull tħassir mir-reġistru, filwaqt li tispeċifika liema mir-raġunijiet li ġejjin hija applikabbli:

(i) ir-rinunzja volontarja tal-awtorizzazzjoni għas-sajd mis-sid jew l-operatur tal-bastiment tas-sajd;

(ii) l-irtirar jew in-nuqqas tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa fir-rigward tal-bastiment tas-sajd skont il-paragrafu 2;

(iii) il-fatt li l-bastiment tas-sajd ikkonċernat ma għadux intitolat itajjar il-bandiera tagħha;

(iv) l-iskrappjar, id-dekummissjonar jew it-telf tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat; jew

(v) kwalunkwe raġuni oħra, flimkien ma' spjegazzjoni speċifika pprovduta.

10. Il-Kummissjoni għandha żżomm ir-reġistru proprju tagħha tal-bastimenti tas-sajd, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lilha skont il-paragrafi 8 u 9. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan ir-reġistru disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi miftiehma, filwaqt li tieħu kont dovut tal-ħtieġa li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni personali, b'mod konsistenti mal-prassi domestika ta' kull Parti Kontraenti. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll lil kwalunkwe Parti Kontraenti, fuq talba, informazzjoni dwar kwalunkwe bastiment li jiddaħħal fir-reġistru tal-Kummissjoni, li ma tkunx pubblikament disponibbli b'mod ieħor.

11. Kwalunkwe Parti Kontraenti li ma tissottomettix id-*data* u l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 16, il-paragrafu 3 fir-rigward ta' kwalunkwe sena fejn seħħ sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni minn bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha ma għandhiex tieħu sehem fis-sajd rilevanti sakemm jiġu pprovduti dik id-*data* u dik l-informazzjoni. Ir-Regoli ta' Proċedura li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni għandhom jiggwidaw aktar l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 14

Dmirijiet tal-Istat tal-Port

1. Parti Kontraenti għandha d-dritt u d-dmir li tieħu miżuri, f'konformità mad-dritt internazzjonali, biex tippromwovi l-effettività ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni subreġjonali, reġjonali u globali.

2. Kull Parti Kontraenti għandha:

   (a) timplimenta miżuri tal-Istat tal-port adottati mill-Kummissjoni b'rabta mad-dħul fil-portijiet tagħha u l-użu tagħhom minn bastimenti tas-sajd li jkunu involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni, inkluż, fost oħrajn, fir-rigward tal-ħatt u t-trasbord ta' riżorsi tas-sajd, l-ispezzjoni ta' bastimenti tas-sajd, tad-dokumenti, tal-qbid u tal-irkaptu abbord u l-użu ta' servizzi tal-port; u

   (b) tagħti assistenza lil Stati tal-bandiera, skont kemm ikun raġonevolment prattikabbli u f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħha u d-dritt internazzjonali, meta bastiment tas-sajd jinsab volontarjament fil-portijiet tagħha u l-Istat tal-bandiera tal-bastiment jitlob lill-Parti Kontraenti biex tagħtih assistenza biex tkun żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni.

3. Fil-każ li Parti Kontraenti tqis li bastiment tas-sajd li jkun qed jagħmel użu mill-portijiet tagħha jkun kiser dispożizzjoni ta' din il-Konvenzjoni jew miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni, din għandha tinnotifika lill-Istat tal-bandiera kkonċernat, lill-Kummissjoni u lil Stati rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali xierqa oħra. Il-Parti Kontraenti għandha tipprovdi lill-Istat tal-bandiera u, kif xieraq, lill-Kummissjoni b'dokumentazzjoni sħiħa dwar il-każ, inkluż kull rekord ta' spezzjoni.

4. F'dan l-Artikolu, xejn ma għandu jinftiehem li jaffettwa l-eżerċitar, min-naħa tal-Partijiet Kontraenti, tas-sovranità tagħhom fuq il-portijiet fit-territorju tagħhom f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt tagħhom li jiċħdu d-dħul fil-portijiet fit-territorju tagħhom kif ukoll li jadottaw miżuri tal-Istat tal-port aktar stretti minn dawk adottati mill-Kummissjoni skont din il-Konvenzjoni.

Artikolu 15

Dmirijiet tal-Entitajiet tas-Sajd

L-Artikolu 13 u l-Artikolu 14, il-paragrafi 2 u 3 japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe entità tas-sajd li tkun esprimiet l-impenn sod tagħha f'konformità mal-Anness.

Artikolu 16
Ġbir, Kumpilazzjoni u Skambju ta' Data

1. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis b'mod sħiħ l-Anness I tal-Ftehim tal-1995 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 10 u 11, għandha tiżviluppa standards, regoli u proċeduri, fost oħrajn:

   (a) għal-ġbir, għall-verifika u għar-rapportar f'waqtu lill-Kummissjoni tad-*data* kollha rilevanti mill-membri tal-Kummissjoni;

   (a) għall-kumpilazzjoni u l-ġestjoni mill-Kummissjoni ta' *data* preċiża u kompluta biex tkun iffaċilitata l-valutazzjoni effettiva tal-istokkijiet biex ikun żgurat li jkun jista' jingħata l-aħjar parir xjentifiku;

   (b) għall-iskambju ta' *data* fost il-membri tal-Kummissjoni, u ma' organizzazzjonijiet u arranġamenti reġjonali oħra għall-ġestjoni tas-sajd, u organizzazzjonijiet rilevanti oħra, inkluż *data* dwar bastimenti involuti f'sajd IUU, u, fejn xieraq, dwar is-sjieda benefiċjarja ta' dawk il-bastimenti, bl-objettiv li tkun ikkonsolidata dik l-informazzjoni f'format ċentralizzat għad-disseminazzjoni kif xieraq;

   (c) għall-faċilitazzjoni ta' dokumentazzjoni koordinata u kondiviżjoni tad-*data* bejn organizzazzjonijiet u arranġamenti reġjonali oħra għall-ġestjoni tas-sajd, inkluż proċeduri għall-iskambju ta' *data* dwar reġistri ta' bastimenti, u miżuri marbuta mas-suq fejn applikabbli; u

   (d) awditi regolari tal-konformità tal-membri tal-Kummissjoni ma' rekwiżiti ta' ġbir u skambju ta' *data*, u biex ikun indirizzat kull nuqqas ta' konformità f'awditi bħal dawn.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-*data* tkun disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tal-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jkunu qed joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni, l-istat tar-riżorsi tas-sajd ġestiti skont din il-Konvenzjoni, il-valutazzjonijiet tar-riżorsi tas-sajd, il-programmi ta' riċerka fiż-Żona tal-Konvenzjoni u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali u globali.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-format ta' rapport annwali li għandu jiġi sottomess minn kull membru tal-Kummissjoni. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, ir-rapport annwali tiegħu f'konformità ma' dan il-format. Ir-rapport annwali għandu jinkludi deskrizzjoni ta' kif il-membru tal-Kummissjoni jkun implimenta l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni u l-proċeduri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u infurzar adottati mill-Kummissjoni, inkluż l-eżitu ta' kwalunkwe azzjoni li l-

membru jkun ħa fir-rigward tal-Artikolu 17, kif ukoll informazzjoni dwar kwalunkwe suġġett addizzjonali kif il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli biex tiżgura s-sigurtà tad-*data*, l-aċċess għaliha u d-disseminazzjoni tagħha, inkluż *data* rrappurtata permezz ta' trażmettituri satellitari li jiddeterminaw il-pożizzjoni fil-ħin reali, filwaqt li żżomm il-kunfidenzjalità fejn xieraq u tieħu kont dovut tal-prassi domestika tal-membri tal-Kummissjoni.

Artikolu 17
Konformità u Infurzar

1. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jinforza d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u kwalunkwe deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni.

2. Kull membru tal-Kummissjoni għandu, jew fuq inizjattiva proprja tiegħu jew fuq it-talba ta' kwalunkwe membru ieħor tal-Kummissjoni u meta jkun ipprovdut bl-informazzjoni rilevanti, jinvestiga bis-sħiħ kwalunkwe allegazzjoni li bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha jkun kiser kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni.

3. Fejn tkun disponibbli informazzjoni suffiċjenti fir-rigward ta' ksur allegat tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew ta' miżuri adottati skont din il-Konvenzjoni minn bastiment tas-sajd intitolat itajjar il-bandiera tagħha:

   (a) il-membru tal-Kummissjoni għandu jiġi nnotifikat minnufih bil-ksur allegat; u

   (b) il-membru tal-Kummissjoni għandu jieħu azzjonijiet xierqa f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu, inkluż li jagħti bidu għal proċedimenti mingħajr dewmien u, fejn xieraq, iżomm il-bastiment ikkonċernat.

4. Meta jkun ġie stabbilit, f'konformità mal-liġijiet ta' membru tal-Kummissjoni, li bastiment tas-sajd li jkun intitolat itajjar il-bandiera ta' dak il-membru kien involut fi ksur serju tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew ta' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni, dak il-membru tal-Kummissjoni għandu jordna lill-bastiment tas-sajd biex iwaqqaf l-operazzjonijiet u, f'każijiet xierqa, għandu jordna lill-bastiment tas-sajd biex joħroġ miż-Żona tal-Konvenzjoni minnufih. Il-membru tal-Kummissjoni għandu jiżgura li l-bastiment ikkonċernat ma jinvolvix ruħu f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni għal riżorsi tas-sajd sa meta tkun ġiet osservata kull sanzjoni pendenti imposta minn dak il-membru b'rabta mal-ksur.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ksur serju għandu jinkludi kwalunkwe mill-ksur speċifikat fl-Artikolu 21, is-subparagrafi 11 (a) sa (h) tal-Ftehim tal-1995 u ksur ieħor bħal dan skont kif tista' tiddetermina l-Kummissjoni.

6. Jekk, fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Kummissjoni ma tkunx tista' taqbel dwar il-proċeduri għat-tlugħ abbord u l-

ispezzjoni ta' bastimenti tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni, l-Artikoli 21 u 22 tal-Ftehim tal-1995 għandhom jiġu applikati daqslikieku kienu parti minn din il-Konvenzjoni. It-tlugħ abbord u l-ispezzjoni ta' bastimenti tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni, kif ukoll kull azzjoni sussegwenti ta' infurzar, għandhom jitwettqu f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dawk l-Artikoli u kwalunkwe proċedura prattika addizzjonali bħal din deċiża mill-Kummissjoni.

7. Mingħajr preġudizzju għas-supremazija tar-responsabbiltà tal-Istat tal-bandiera, kull membru tal-Kummissjoni, f'konformità mal-liġijiet tiegħu, għandu:

(a) kemm jista' jkun, jieħu miżuri u jikkoopera biex jiżgura l-konformità min-naħa taċ-ċittadini tiegħu, u l-bastimenti tas-sajd proprjetà taċ-ċittadini tiegħu, operati jew ikkontrollati minnhom, mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u ma' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni; u

(b) jew fuq inizjattiva proprja jew fuq talba ta' kwalunkwe membru ieħor tal-Kummissjoni u meta jkollu l-informazzjoni rilevanti, jinvestiga minnufih kwalunkwe ksur allegat min-naħa taċ-ċittadini tiegħu, jew ta' bastimenti tas-sajd proprjetà taċ-ċittadini tiegħu, operati jew ikkontrollati minnhom, tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew ta' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni.

8. L-investigazzjonijiet u l-proċeduri ġudizzjarji kollha għandhom ikunu immexxija b'ħeffa. Is-sanzjonijiet previsti fil-liġijiet u fir-regolamenti rilevanti tal-membri tal-Kummissjoni għandhom ikunu ta' severità adegwata biex jirnexxilhom jiżguraw il-konformità u biex jiskoraġġixxu l-ksur kull fejn iseħħ, u għandhom iċaħħdu lill-awturi mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali tagħhom.

9. Għandu jingħata rapport dwar il-progress ta' kwalunkwe investigazzjoni mwettqa skont il-paragrafi 2, 3, 4 jew 7, li jinkludi dettalji dwar kwalunkwe azzjoni meħuda jew proposta li għandha tittieħed b'rabta mal-ksur allegat, lill-membru rikjedenti tal-Kummissjoni u lill-Kummissjoni hekk kif ikun possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien xahrejn mit-talba. Rapport dwar l-eżitu tal-investigazzjoni għandu jingħata lill-membru tal-Kummissjoni li jagħmel it-talba u lill-Kummissjoni meta titlesta l-investigazzjoni.

10. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju:

(a) għad-drittijiet ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tal-Kummissjoni f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħhom dwar is-sajd; u

(b) għad-drittijiet ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti dwar kwalunkwe dispożizzjoni relatata mal-konformità u l-infurzar li jinsabu fi kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali rilevanti li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni tal-1982 jew il-Ftehim tal-1995.

Artikolu 18

Trasparenza

Il-Kummissjoni għandha tippromwovi t-trasparenza fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha u f'attivitajiet oħra tagħha. Ir-rappreżentanti minn organizzazzjonijiet intergovernattivi u organizzazzjonijiet nongovernattivi kkonċernati minn kwistjonijiet rilevanti għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha bħala osservaturi jew f'kapaċità oħra skont kif jitqies xieraq mill-membri tal-Kummissjoni u kif previst fir-Regoli ta' Proċedura li l-Kummissjoni għandha tadotta. Il-proċeduri ma għandhomx ikunu restrittivi żżejjed f'dan ir-rigward. L-organizzazzjonijiet intergovernattivi u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi għandhom jingħataw aċċess f'waqtu għal informazzjoni pertinenti soġġett għar-regoli u l-proċeduri li l-Kummissjoni tista' tadotta. Kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni, ġestjoni u miżura oħra jew kwistjonijiet li jiġu deċiżi mill-Kummissjoni jew minn korpi sussidjarji għandom isiru disponibbli għall-pubbliku sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċiedix mod ieħor.

Artikolu 19
Soluzzjoni ta' Tilwim

Id-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni ta' tilwim stabbiliti fil-Parti VIII tal-Ftehim tal-1995 japplikaw *mutatis mutandis,* għal kwalunkwe tilwim bejn il-Partijiet Kontraenti, irrispettivament minn jekk humiex ukoll Parti għall-Ftehim tal-1995.

Artikolu 20
Kooperazzjoni ma' Partijiet Mhux Kontraenti

1. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' bastimenti tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni intitolati jtajru l-bnadar ta' Partijiet mhux Kontraenti għal din il-Konvenzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni ta' kwalunkwe Parti mhux Kontraenti għal din il-Konvenzjoni għal kwalunkwe attività mwettqa miċ-ċittadini tagħha jew minn bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bandiera tagħha li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, taffettwa l-kisba tal-objettiv ta' din il-Konvenzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Parti mhux Kontraenti identifikata fil-paragrafu 2 biex tikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni jew billi ssir Parti Kontraenti jew billi taqbel li tapplika l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni. Soġġett għal termini u kondizzjonijiet bħal dawn kif tista' tistabbilixxi l-Kummissjoni, Parti mhux Kontraenti bħal din li tikkoopera għal din il-Konvenzjoni tista' tgawdi mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fis-sajd b'mod proporzjonali, fost oħrajn, l-impenn tagħha li tikkonforma mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni u r-rekord tagħha ta' konformità ma' dawn il-miżuri fir-rigward tar-riżorsi rilevanti tas-sajd u kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja li tagħmel lill-Kummissjoni.

4. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jieħu miżuri li jkunu konsistenti ma' din il-Konvenzjoni, mal-Konvenzjoni tal-1982, mal-Ftehim tal-1995 u liġi

internazzjonali rilevanti oħra biex jiġu skoraġġuti l-attivitajiet ta' bastimenti tas-sajd intitolati jtajru l-bnadar ta' Parti mhux Kontraenti għal din il-Konvenzjoni li jxekklu l-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni.

5. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jieħu l-miżuri xierqa, f'konformità mal-liġijiet tiegħu, bil-għan li bastimenti intitolati jtajru l-bandiera tiegħu jitwaqqfu milli jittrasferixxu r-reġistrazzjoni tagħhom lil Partijiet mhux Kontraenti għal din il-Konvenzjoni għall-fini li tiġi evitata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 21
Kooperazzjoni ma' Organizzazzjonijiet jew Arranġamenti Oħra

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera, kif xieraq, fi kwistjonijiet ta' interess reċiproku mal-FAO, ma' aġenziji speċjalizzati oħra tan-Nazzjonijiet Uniti u ma' organizzazzjonijiet jew arranġamenti reġjonali rilevanti, speċjalment dawk l-organizzazzjonijiet jew l-arranġamenti reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd b'responsabbiltà għas-sajd f'żoni tal-baħar ħdejn jew li jmissu maż-Żona tal-Konvenzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tqis il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni jew ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-organizzazzjonijiet u l-arranġamenti reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u organizzazzjonijiet intergovernattivi rilevanti oħra li għandhom kompetenza b'rabta ma' żoni li jmissu maż-Żona tal-Konvenzjoni jew fir-rigward ta' riżorsi tas-sajd li mhumiex koperti minn din il-Konvenzjoni, speċijiet li jagħmlu parti mill-istess ekosistema jew li jiddependu mill-istokkijiet fil-mira jew li huma assoċjati magħhom, u li għandhom objettivi li huma konsistenti mal-objettiv ta' din il-Konvenzjoni u li jappoġġawh.

3. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet ta' ħidma kooperattivi u għal dan il-għan tista' tidħol fi ftehimiet ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi li jistgħu jagħtu kontribut għall-ħidma tagħha u jkollhom il-kompetenza sabiex jiżguraw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi ħajjin u tal-ekosistemi tagħhom. Tista' tistieden lil dawn l-organizzazzjonijiet biex jibagħtu osservaturi għal-laqgħat tagħha jew dawk ta' kwalunkwe wieħed mill-korpi sussidjarji tagħha. Din tista' tfittex ukoll li tieħu sehem fil-laqgħat ta' dawn l-organizzazzjonijiet kif xieraq.

4. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tagħmel arranġamenti xierqa għall-konsultazzjoni, għall-kooperazzjoni u għall-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet jew arranġamenti reġjonali oħra għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jintużaw, kemm jista' jkun, l-istituzzjonijiet eżistenti biex jinkiseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tfittex li tistabbilixxi kooperazzjoni f'attivitajiet ta' infurzar ma' dawk l-organizzazzjonijiet u l-arranġamenti li jwettqu dawn l-attivitajiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

Artikolu 22

Rieżami

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza rieżami regolari tal-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati tagħha u tal-konformità magħhom biex jintlaħaq l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni. Dan ir-rieżami jista' jinkludi eżami tal-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni nnifisha.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina t-termini ta' referenza u l-metodoloġija ta' dan ir-rieżami li għandhom:

   (a) iqisu l-prassi ta' organizzazzjonijiet reġjonali oħra għall-ġestjoni tas-sajd fit-twettiq tar-rieżami tal-prestazzjoni;

   (b) jinkludu kontributi mill-korpi sussidjarji, fejn xieraq; u

   (c) jinkludu l-parteċipazzjoni ta' persuna jew persuni ta' kompetenza rikonoxxuta li għandhom ikunu indipendenti mill-membri tal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn kwalunkwe rieżami bħal dan u tieħu azzjonijiet, kif xieraq, inkluż permezz tal-emenda xierqa tal-miżuri tagħha ta' konservazzjoni u ġestjoni u tal-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tagħhom. Kwalunkwe proposta għal emenda tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni li toħroġ minn kwalunkwe rieżami bħal dan għandha tkun ittrattata f'konformità mal-Artikolu 29.

4. Ir-riżultati ta' kwalunkwe rieżami bħal dan u valutazzjoni sussegwenti mill-Kummissjoni għandhom disponibbli għall-pubbliku mill-aktar fis hekk kif jiġu sottomessi lill-Kummissjoni.

Artikolu 23
Iffirmar, Ratifika, Aċċettazzjoni u Approvazzjoni

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar f'Seoul fl-1 ta' April 2012 mill-Istati li ħadu sehem fil-Laqgħat Multilaterali dwar il-Ġestjoni tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku u għandha tibqa' miftuħa għall-iffirmar għal tnax-il (12) xahar.

2. Din il-Konvenzjoni għandha tkun soġġetta għar-ratifika, għall-aċċettazzjoni jew għall-approvazzjoni mill-Firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mal-Gvern tar-Repubblika tal-Korea, li għandu jkun id-Depożitarju. Id-Depożitarju għandu jinforma lill-Firmatarji kollha u lill-Partijiet Kontraenti kollha bir-ratifiki, bl-aċċettazzjonijiet jew bl-approvazzjonijiet kollha ddepożitati u jwettaq funzjonijiet oħra bħal dawn kif previst fil-*Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1969 dwar il-Liġi tat-Trattati* u d-dritt internazzjonali konswetudinarju.

Artikolu 24

Adeżjoni

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-adeżjoni mill-Istati msemmija fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1.

2. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet Kontraenti jistgħu, b'kunsens, jistiednu għall-adeżjoni ma' din il-Konvenzjoni:

   (a) lil Stati jew organizzazzjonijiet reġjonali oħra għall-integrazzjoni ekonomika li l-bastimenti tas-sajd tagħhom jixtiequ jwettqu attivitajiet tas-sajd għal riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni; u

   (b) lil Stati kostali oħra taż-Żona tal-Konvenzjoni.

3. Kwalunkwe Parti Kontraenti li ma tisseħħibx fil-kunsens b'rabta mal-paragrafu 2 għandha tippreżenta bil-miktub lill-Kummissjoni r-raġunijiet tagħha għal dan.

4. L-istrumenti tal-adeżjoni għandhom ikunu ddepożitati mad-Depożitarju. Id-Depożitarju għandu jinforma lill-Firmatarji kollha u lill-Partijiet Kontraenti kollha bl-adeżjonijiet kollha.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ mija u tmenin (180) jum mid-data meta d-Depożitarju jirċievi r-raba' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni.

2. Għall-Partijiet Kontraenti li jkunu ddepożitaw strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni fir-rigward ta' din il-Konvenzjoni wara li jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti għad-dħul fis-seħħ iżda qabel id-data tad-dħul fis-seħħ, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni għandhom isiru effettivi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni jew tletin (30) jum mid-data meta jkun ġie ddepożitat l-istrument, skont liema data tkun aktar tard.

3. Għall-Partijiet Kontraenti li jkunu ddepożitaw strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni wara d-data meta din il-Konvenzjoni tkun daħlet fis-seħħ, din il-Konvenzjoni għandha ssir effettiva tletin (30) jum wara d-data meta jkun ġie ddepożitat l-istrument.

Artikolu 26
Riżervi u Eċċezzjonijiet

Ma tista' ssir ebda riżerva jew eċċezzjoni għal din il-Konvenzjoni.

Artikolu 27
Dikjarazzjonijiet u Stqarrijiet

L-Artikolu 26 ma jipprekludix lil Stat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika, meta tiffirma, tirratifika, taċċetta, tapprova jew taċċedi għal din il-Konvenzjoni, milli tagħmel dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet, irrispettivament minn kif ikunu ifformulati jew imsemmija, bil-għan, fost l-oħrajn, li jkunu armonizzati l-liġijiet u r-regolamenti tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, diment li dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet bħal dawn ma jkollhomx l-għan li jeskludu jew li jimmodifikaw l-effett legali tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni fl-applikazzjoni tagħhom għal dak l-Istat jew l-organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika.

Artikolu 28
Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħra

1. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tibdel id-drittijiet u l-obbligi ta' Partijiet Kontraenti li joriġinaw minn ftehimiet oħra kompatibbli ma' din il-Konvenzjoni u li ma jolqtux it-tgawdija minn Partijiet Kontraenti oħra tad-drittijiet tagħhom jew it-twettiq tal-obbligi tagħhom skont din il-Konvenzjoni.

2. F'din il-Konvenzjoni, xejn ma għandu jippreġudika d-drittijiet, il-ġurisdizzjoni u d-dmirijiet tal-Partijiet Kontraenti skont il-Konvenzjoni tal-1982 jew il-Ftehim tal-1995. Din il-Konvenzjoni għandha tkun interpretata u applikata fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-1982 u l-Ftehim tal-1995 u b'mod konsistenti magħhom.

Artikolu 29

Emendi

1. Kwalunkwe proposta biex tiġi emendata din il-Konvenzjoni għandha tintbagħat bil-miktub lill-President tal-Kummissjoni mill-inqas disgħin (90) jum qabel il-laqgħa meta tiġi proposta għall-kunsiderazzjoni, u l-President tal-Kummissjoni għandu jgħaddi minnufih il-proposta lill-membri kollha tal-Kummissjoni. Emendi proposti għal din il-Konvenzjoni għandhom ikunu kkunsidrati fil-laqgħa regolari tal-Kummissjoni, diment li maġġoranza tal-membri tal-Kummissjoni ma titlobx laqgħa speċjali biex tiġi diskussa l-emenda proposta. Laqgħa speċjali tista' ssir b'avviż ta' mhux inqas minn disgħin (90) jum.

2. L-emendi għal din il-Konvenzjoni mill-Kummissjoni għandhom jiġu adottati b'kunsens mill-Partijiet Kontraenti. It-test ta' kwalunkwe emenda hekk adottata għandu jintbagħat lill-Partijiet Kontraenti kollha mid-Depożitarju.

3. Emenda għandha ssir effettiva għall-Partijiet Kontraenti kollha mija u għoxrin (120) jum wara d-data ta' trażmissjoni speċifikata fin-notifika mid-Depożitarju li jkun irċieva notifika bil-miktub tal-approvazzjoni mill-Partijiet Kontraenti kollha.

4. Kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li ssir Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni wara li tkun ġiet adottata emenda f'konformità mal-paragrafu 2 għandha titqies bħala li approvat dik l-emenda.

Artikolu 30

Anness

L-Anness għandu jifforma parti integrali minn din il-Konvenzjoni u, sakemm ma jkunx espressament previst mod ieħor, referenza għal din il-Konvenzjoni tinkludi referenza għall-Anness.

Artikolu 31
Irtirar

1. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tirtira mill-Konvenzjoni fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena billi tagħti avviż fi jew qabel it-30 ta' Ġunju preċedenti lid-Depożitarju, li għandu jikkomunika kopji ta' avviż bħal dan lil Partijiet Kontraenti oħra.

2. Kwalunkwe Parti Kontraenti oħra tista' mbagħad tirtira mill-Konvenzjoni fl-istess 31 ta' Diċembru billi tagħti notifika lid-Depożitarju fi żmien xahar minn meta tirċievi kopja ta' notifika ta' rtirar mogħtija skont il-paragrafu 1.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif xieraq mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

MAGĦMUL f'Tokyo, f'dan l-erbgħa u għoxrin jum ta' Frar 2012, bl-Ingliż u bil-Franċiż, fejn kull test huwa ugwalment awtentiku.

Anness
Entitajiet tas-Sajd

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, kwalunkwe entità tas-sajd li l-bastimenti tagħha stadu jew biħsiebhom jistadu għal riżorsi tas-sajd tista', permezz ta' strument bil-miktub ikkonsenjat lid-Depożitarju, tesprimi l-impenn sod tagħha li tħares it-termini ta' din il-Konvenzjoni u tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata skont din il-Konvenzjoni. Impenn bħal dan għandu jkun effettiv tletin (30) jum mid-data tal-wasla tal-istrument. Kwalunkwe entità tas-sajd bħal din tista' tirtira minn impenn bħal dan fil-31 ta' Diċembru ta' kwalunkwe sena permezz ta' notifika bil-miktub lid-Depożitarju fi jew qabel it-30 ta' Ġunju preċedenti.

2. Kwalunkwe entità tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 tista', permezz ta' strument bil-miktub ikkonsenjat lid-Depożitarju, tesprimi l-impenn sod tagħha li tħares it-termini ta' din il-Konvenzjoni kif din tista' tiġi emendata skont l-Artikolu 29, il-paragrafu 3. Dan l-impenn għandu jsir effettiv mid-dati msemmija fl-Artikolu 29, il-paragrafu 3. jew fid-data tal-wasla tal-komunikazzjoni bil-miktub imsemmija f'dan il-paragrafu, skont liema minnhom tiġi wara.

3. Entità tas-sajd li tkun esprimiet l-impenn sod tagħha li tħares it-termini ta' din il-Konvenzjoni u li tikkonforma mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati skont din il-Konvenzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, trid tħares l-obbligi tal-membri tal-Kummissjoni u tista' tieħu sehem fil-ħidma, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet, tal-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, ir-referenzi għall-Kummissjoni jew għall-membri tal-Kummissjoni jinkludu entità tas-sajd bħal din.

4. Jekk tilwim jinvolvi entità tas-sajd li tkun esprimiet l-impenn tagħha li tintrabat bit-termini ta' din il-Konvenzjoni f'konformità ma' dan l-Anness u ma jkunx jista' jiġi riżolt b'mezzi bonarji, dan it-tilwim għandu, fuq talba ta' kwalunkwe parti għat-tilwim, jiġi sottomess għal arbitraġġ finali u vinkolanti f'konformità mar-regoli rilevanti tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness dwar il-parteċipazzjoni ta' entità tas-sajd huma biss għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni.